# L-ORDNI TAT-TEJATINI MWAQQFA MINN SAN GEJTANU THIENE

## (Minn Dun Frans Camilleri)

**San Gejtanu, li mindu sar saċerdot wettaq apostolat tassew kbir ta' karità tal-proxxmu u ta' tagħlim ta' l-Evanġelu, ġie mnebbaħ minn Alla biex jirriforma l-Kleru. Huwa qassam ġidu lill-foqra; kien iżur lill-ħabsin li ħafna minnhom ħallsilhom id-dejn u ħelishom; kien jitla' fuq ix-xwieni u bi flusu ħeles lil bosta lsiera; kien imur fl-isptarijiet biex ifarraġ lill-morda, u fost dawn kollha Gejtanu kien ixerred il-kelma ta' Alla.**

Meta ġieħ il-ħsieb li jirriforma l-Kleru, Gejtanu mar igħarraf b'dan lil Don Bonifacio da Colli, imbagħad lil Mons. Gianpietro Carafa, Isqof ta' Chieti, li flimkien magħhom ingħaqad Don Paolo Consilieri. Il-ħsieb ta' Gejtanu mhux biss intgħoġob, imma dawn kienu l-ewwel tlieta li iffurmaw il-Kongregazzjoni tal-Kjeriċi Regolari, imsejħa tat-Tejatini, imwaqqfa minn San Gejtanu.



**Fl-14 ta' Settembru 1524 San Gejtanu flimkien ma' tliet saċerdoti jwaqqaf l-Ordni tat-Tejatini.**

Fit-3 ta' Mejju ta' l-1524, Gejtanu flimkien ma' dawn l-ewwel tlieta sħabu nxteħtu f'riġlejn il-Papa Klement VII u b'umiltà kbira talbuh japprova l-Kongregazzjoni l-ġdida. Urewh il-fehma tagħhom li fil-Kleru jdaħħlu d-drawwa li bħall-Appostli jgħixu flimkien f'ħajja kontemplattiva u fl-istess ħin attiva; li jgħixu biss mill-Providenza ta' Alla, mingħajr ma jistgħu jkollhom ġid jew jitolbu għall-ħtiġijiet taghom; li jtejbu l-ħajja morali tal-poplu, li jixegħluhom bl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu.



**Il-Ġeneral u s-Superjuri tal-Patrijiet ta' l-Ordni ta' San Gejtanu flimkien mal-President u l-Kumitat waqt żjara li għamlu fil-Każin fl-okkażjoni tal-Mitt Sena mit-twaqqif tal-Parroċċa San Gejtanu.**

Il-Papa, xħin sema' dan kollu minn fommhom, faħħarhom u radd ħajr lil Alla ta' dik il-ħeġġa kbira li wrew u l-fiduċja hekk sħiħa f'Alla. Imma qabel ma wettaq ix-xewqa tagħhom, skond id-drawwa tal-Knisja, il-Papa ried jisma' l-parir tal-Kardinali u għalhekk malajr sejjaħ Kummissjoni biex tistudja u tgħarbel din ir-Regola ġdida. Imma d-demonju ma baqax x'ma għamilx biex ifixkel l-Approvazzjoni ta' din l-Għaqda Reliġjuża. Saħansitra l-Kardinali, li minn għandhom il-Papa talab il-parir, kienu kuntrarji għal din il-ħajja Apostolika. Aktar u aktar ma għoġbithomx li f'din il-Kongregazzjoni jgħixu biss mill-Providenza, għaliex b'hekk, qalu l-Kardinali, Gejtanu u sħabu riedu jittantaw lil Alla biex ta' kull jum jagħmel mirakli magħhom biex igħajjixhom. Gejtanu, mimli bl-Ispirtu ta' Alla, għaraf iwieġeb għad-diffikultajiet kollha tagħhom. Huwa fakkarhom kif l-Appostli minn sempliċi sajjieda kellhom il-ħila jxandru l-Vanġelu mad-dinja kollha; kif huma qatt ma tbiegħdu mit-talb fix-xogħol tagħhom; kif dejjem għexu mingħajr qatt ma talbu xejn. U Gejtanu baqa' jitkellem b'tant ħeġġa li dawk il-Kardinali tbikkmu kollha; u l-Papa għaraf li dik l-Opra kienet tassew ġejja minn Alla, u stqarr kif kien qal Ġesù Kristu "qatt ma sibt daqshekk fidi f'Israel", u minnufih approva din il-Kongregazzjoni Gdida, imsejħa l-Ordni tat-Tejatini.

Fl-24 ta' Mejju 1524 ġiet mibgħuta lil Gejtanu l-Bolla li biha Gejtanu, sħabu u s-suċċessuri tagħhom setgħu jagħmlu l-Professjoni Solenni fl-Istitut tagħhom li jiġi msejjaħ "Kjeriċi Regolari", ifasslu liġijiet skond ir-Regola tagħhom, jgħidu l-uffiċċju Divin u jqaddsu skond ir-rit li jogħġobhom. Bl-istess Bolla l-Papa ried li l-Ordni tat-Tejatini tkun tiddependi mis-Santa Sede u mhux minn Kardinali Protetturi bħall-Ordnijiet Reliġjużi l-oħra.

Il-Papa, biex juri kemm kienet għal qalbu din l-Għaqda, fl-14 ta' Settembru tal-1524 bagħat lil Mons Gianbattista Bonziani, Isqof ta' Caserta, biex minn floku jilqa' l-professjoni Solenni ta' Gejtanu u sħabu li saret fil-Bażilika tal-Vatikan. Wara ċ-Ċerimonja Gejtanu talab lil sħabu biex jagħżlu l-ewwel Superjur ta' l-Ordni. Kulħadd ħaseb li Gejtanu kien sejjer ikun l-ewwel Superjur, kif kienu S. Wistin, S. Benedittu u oħrajn. Imma Gejtanu, minħabba l-umiltà kbira tiegħu, tant għaraf jitkellem tajjeb favur Mons. Carafa li dan ġie magħżul unanimament bħala l-ewwel Superjur.

Il-kobor ta' l-Apostolat ta' San Gejtanu, il-ħidma kbira ta' karità u l-qawwa tal-perswazzjoni fil-priedki tiegħu kellhom l-egħruq tagħhom fl-imħabba sħiħa u sinċiera li kellu San Gejtanu lejn Ġesù Ewkaristija. Sa minn ċkunitu kien iħobb jisma' l-Quddiesa u jitqarben kuljum, u meta kien żagħżugħ, barra mill-Quddiesa u t-tqarbin, l-għaxqa tiegħu kienet li jmur jitlob quddiem it-Tabernaklu. Imma meta sar saċerdot, l-imħabba ta' San Gejtanu lejn Ġesù fl-Ewkaristija, laħqet il-quċċata tagħha. Kienet din l-imħabba hekk qawwija fih li nisslet f'San Gejtanu dik il-qdusija ta' l-għaġeb, dak it-twemmin f'Alla li għaġġeb lill-Papa meta semgħu jitkellem, u dik il-ħeġġa tal-ġenn fil-ħidma tiegħu ta' karità mal-proxxmu.

San Gejtanu kien joqgħod sigħat twal jitlob quddiem Ġesù fis-Sagrament Imqaddes, l-aktar qabel ma kien se jidħol għal xi biċċa xogħol kbira ta' ġid lill-proxxmu. Tant kien imħeġġeġ bl-Ewkaristija li San Gejtanu kellu xewqa kbira li mhux hu biss iżur lis-Sagrament, imma l-poplu kollu. U għalhekk ma nistagħġbux li kien l-istess San Gejtanu li beda d-drawwiet sbieħ tas-"Siegħa Mqaddsa" (magħrufa bħala "Ora Santa") u tal-"Kwaranturi", jiġifieri erbgħin siegħa ta' adorazzjoni, ġewwa Venezja. Dawn iż-żewġ drawwiet tassew sbieħ malajr intgħoġbu u xterdu bħan-nar ma' l-Italja kollha u mad-dinja. San Gejtanu kien jixtieq li dawn il-Kwaranturi jkunu katina minn belt għal oħra u minn pajjiż għal ieħor biex l-Adorazzjoni tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija tkun bla waqfien fid-dinja kollha.

Fil-Parroċċa tagħna ta' San Gejtanu aħna għandna nkunu mkabbrin li dawn il-Kwaranturi minn dejjem norganizzawhom, l-aktar fi żmien il-mibki u maħbub Kappillan, Mons. Nerik Cordina Perez, b'serjetà u b'solennità kbira. L-Adorazzjoni tas-Sagrament tibda minn nhar il-Ġimgħa, il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù u tibqa' sejra sal-Ħadd ta' wara meta l-Festa ssir bil-kbir u bis-solennità kollha u tagħlaq bil-proċessjoni majestuża bis-sehem tal-Kleru u tal-membri tal-Għaqdiet kollha tal-parroċċa tagħna.



**Ir-Relikwji ta' San Gejtanu, miġjubin mill-Patrijiet ta' l-Ordni ta' San Gejtanu għall-festi taċ-ċentinarju tal-Parroċċa tal-Ħamrun, 1881-1981.**